# Sliem u Ġieħ

## minn Monica Diana Grima

Hija d-drawwa, li meta fir-raħal ikun hemm xi ras prominenti, isirlu xi mafkar speċjalment wara li jmut, u jintqal ħafna diskors sabiħ fuqu u fuq ix-xogħol jew is-suċċessi li jkun wettaq. Illum, nixtieq li b'din il-kitba umli tiegħi, infakkar, insellem u nagħti ġieħ lil dawk il' ħafna Żwieten li d-destin laqqagħni magħhom matul il-ħames snin li ħdimt fir-raħal għażiż tagħhom. Aktarx li qatt mhu ser jinbena xi monument għalihom, imma jien bi kliemi sa nuri kemm huma ta' min jagħtihom ġieħ lil dawn iż-Żwieten.

Hekk kif ħriġt mill-Kulleġġ tal-għalliema, fis-sena 1966, ġejt mibgħuta biex naħdem ġol-iskola primarja taż-Żejtun.

Fraħt malli ftaħt l-ittra u ntbaħt fejn kien il-lokal fejn kelli nibda l-karriera tiegħi. Kienu diversi r-raġunijiet għaliex kont kuntenta, fosthom, għaliex, ġo qalbi diġà kelli ġibda għal dan ir-raħal, ġibda li nibtet meta kont għadni żgħira, u missieri kien iġibna naraw il-presepju tas-sorijiet, li għalina dejjem baqa' *"il-presepju li jiċċaqlaq taż-Żejtun''*. Din il-ġibda kompliet tikber kull sena, u speċjalment kull darba li kont nisma' jew naqra informazzjoni storika jew kulturali li kellha x'taqsam maż-Żejtun jew uliedu.

Nibda biex infakkar lill-istudenti tal-klassi tiegħi. Għamilt ħames snin ngħallem Standard 4, jiġifieri dawn kellhom xi tmien snin, bejn wieħed u ieħor, u jekk kull sena kelli madwar tletin tifla, allura, f'ħames snin għaddew minn taħt idejja, mija u ħamsin anġlu, iva, ser insejħulhom hekk għax kultant kienu jkunu ħafna anqas minn anġli ta'!!!

Kienu ta' kull tip; twal, qosra, irqaq, daqsxejn aktar irrumblati…, insomma, bħal tfal oħra fi skejjel oħra ta' kull raħal. Jekk il-figura kienet differenti, daqshekk ieħor, kien il-karattru. Minn kien ferrieħi u jiċċajta, minn kwiet, u oħrajn trid iżżommhom lura milli jidħlu ġo xi praspura. Insomma taħlita ta' karattri kkuluriti. Għadni niftakar xi ftit minnhom b'isimhom u xi waħda jew tnejn bil-kunjom ukoll, allavolja issa moħħi qabad it-triq tan-niżla. Il-kunjomijiet kienu jvarjaw minn Abela, Caruana, Desira, Montebello, Patiniott, u oħrajn. Kont inħobbhom bħal uliedi. Kont għadni żgħira, friska u determinata li nkun għalliema tajba, allura, kont nara kif nagħmel ħalli jitgħallmu sew u jkunu kuntenti. Dak iż-żmien kont naħdem bis-sistema tal- proġetti, u darba kellna Salib tal-Kavallieri kbir, tal-karti, li konna

dendilnih mal-ħajt; fuqu kienu jiktbu, jpinġu u jwaħħlu informazzjoni dwar il-Kavallieri ta' Malta.

Darb' oħra, konna qegħdin nagħmlu stampa ta' ġgant li kien jissemma fil-ktieb tal-Ingliż, mingħalija kien jismu "*The Gentle Giant*" konna qegħdin nagħmluh bil-mużajk tal-karti, u billi ma kienx ikollna ħafna ċans waqt il-lezzjonijiet, ġieli żammejt xi tnejn jew tlieta minnhom għal ftit wara l-ħin, għax kienu jkunu jridu jkomplu ħalli jfittxu jarawh lest. Ma kienx hemm ħażen, u għalhekk ma kienx jgħaddili minn moħħi, li stajt niġi miftehma ħażin u stajt nidħol fl-inkwiet. Illum il-ħajja u l-esperjenza għalmuni ħafna, u żgur ħaġa bħal din ma nagħmilix, għax malajr nidher kerha u niġi f'ilsien in-nies.

L-akbar gost tiegħi hu, li meta nkun x' imkien fejn hemm in-nies, tiġi xi waħda u tgħidli, 'u int mhux Ms. …..? Darba kont tgħallimna ż-Żejtun'. Tgħidx kemm nieħu gost u ngħannaqha!! Huma baqgħu jagħrfuni, ftit jew wisq, allavolja xjaħt, imma jien f'moħħi għadni narahom tfal, libsin l-uniformi, b'xagħarhom minxut malji, jew xi ċoff fuq ġenb wieħed tal-ferq, bilqegħda quddiemi ġol-bank tal klassi. Ma tantx nista' naħseb fihom bħala nisa kbar, ommijiet u oħrajn nanniet ukoll. Kemm jgħaddi ż-żmien. Kemm nixtieq nerġa narahom, inħalli f'idejn Alla.

Sliem u ġieħ lilkom ilkoll eks-studenti tiegħi!

Barra l-istudenti tal-klassi tiegħi, kien hemm għalliema oħra, li ħafna minnhom kienu Żwieten. Bħal issa niftakar f'Miss Tabone Maria, u oħtha, Miss Tabone Sera, it-tnejn Alla jagħtihom il-ġenna, lil Miss Mary Abela u Miss Abela l' oħra, lil Miss Vicky Spiteri, lil Miss Tessie Desira, li dejjem kienet tidħaq u ferrieħa, u li ħallietna ftit ilu, lil Miss Gloria Roberts, u lil Miss Carmen Vella, dawn tal-aħħar kienu miegħi l-Kulleġġ ukoll, u ħdimna flimkien, ġo skejjel oħra. Kien hemm oħrajn ukoll, li għalkemm għadni niftakar wiċċhom, insejt x'kien isimhom. Minn għand kull waħda ħadt xi ħaġa sabiħa, minn tani għajnuna kif għandi naħdem ġol-klassi għax kellhom aktar esperjenza minni, minn tani l-kumpanija tiegħu, minn għallimni nkun serja f'xogħli, minn tani l-ħbiberija. Lil kull waħda minnhom insellmilhom, huma fejn huma, u ngħidilhom Grazzi.

Sliem u ġieħ lilkom ilkoll eks-ħaddiema miegħi!

Ma nistax issa ninsa lil ġenituri tal-istudenti, speċjalment lill-ommijiet. Dawn kienu qishom ħbieb tiegħi, kienu tar-rispett, u f'dawl l-egħżeż ħaġa li kellhom, lil uliedhom, għamlu hekk mhux bilfors għax il-gvern bagħat lili ħalli ngħallimomlhom, iżda għax raw fiha xi ħaġa

pożittiva u fdawni. Ir-rispett tagħhom kont narah f' għajnejhom u f'wiċċhom meta kienu jkellmuni barra mill-iskola, jien u sejra lejn il-venda ħalli nirkeb tal-linja biex immur id-dar. U jekk xi darba kien ikolli għalfejn nitkellem magħhom fuq l-imġieba mhux daqshekk tajba jew xi nuqqas tat-tifla, dejjem kienu jwissu lit-tifla biex *"tobdi mill-għalliema għax dik tridlek il-ġid''.*

F'Jum il Ġenituri, kienu jiġu kważi kollha, u għadni niftakar, meta kien ikolli jdejja kesħin u friża bil-bard ta' Frar, u wara nofs ta' nhar nitkellem u ma nieħu xejn, min jaf kemm-il darba offrewli li joqogħdu jistennew sakemm immur nieħu l-kafè, għalkemm qatt ma għamilt hekk. Imma darba kien hemm waħda ħelwa, li riedet tmur id-dar tagħha u ġġibli l-kafè hi fit-termos. Kelli biċċa xogħol biex ipperswedejtha ħalli ma tagħmilx hekk.

Darba fix-xahar, kien ikollna il-Quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, ġol-Knisja ta' Santa Katarina. Dak iż-żmien, in-nisa kienu għadhom jgħattu rashom ġol-knisja. Filgħodu, bejn li lejliet insejt indaħħal il-velu ġol-basket, u bejn li filgħodu kelli seba' mitt sena sakemm nitlaq il' barra, li ma tmurx tgħaddi tal-linja għaż-Żejtun, tlaqt niġri l' barra bħas-soltu. Dak iż-żmien, il-venda kienet ħdejn il-Knisja u xħin inżilt mill-karozza, u bdejt miexja lejn l-iskola, bdejt nara tfal bix-xema' u l-fjuri f'idejhom sejrin huma wkoll lejn l-iskola, għax bħal dak in-nhar, konna narmaw is-Santa u l-istatwa ta' fuq l-armarju b'aktar fjuri; dlonk ftakart fil-Quddiesa. Waqaft sobtu fit-triq, tajt daqqa fuq moħħi u bdejt inħares madwari ħalli nara nsibx xi *bazaar* biex nixtri velu. Fil-ħin, ġiet omm waħda mill-klassi tiegħi, omm Rita Montebello, u staqsietni x' ġara. Xħin għidtilha, malajr qaltli *'ħalli mmur id-dar u nġiblek wieħed'* u hekk għamlet. Miskina, iffrankatli ċanfira mill-Madam, għax ma tantx kien hemm ċans nixtri velijiet fil-għodu qabel l-iskola u żgur kont nasal tard.

Niftakar meta kien jasal il-Milied, kienu jibgħatuli xi rigal ċkejken li jien kont napprezza ħafna. L-oġġetti tat-tiżjin kont gawdejthom meta kont għadni f'dar ommi, imma kienu jtuni wkoll affarijiet oħra, bħal xugamani, imkatar, srievet u anke xi dvalja żgħira. Dawn kont nerfgħuhom, u meta iżżewwiġt kont għamilthom mal-bjankerija li kont xtrajt jien. Billi dejjem qlajt u wżajt dawk li kont xtrajt jien, dawn ir-rigali baqgħu fil-qiegħ tal-kexxun, sakemm ftit taż-żmien ilu ġew f'idejja sett srievet ikkuluriti, bl-isem tal-ġurnata u għal kull ġurnata frotta differenti. Issa ħsilthom u qegħda nużahom, wara dawn is-snin kollha merfugħin. Huma b'saħħithom, ta' materjal tajjeb, naħseb li l-anqas għadek issib bħalhom. Ma nistax ma niftakarx f' dawn in-nisa meta nużahom.

Ġieli dawn in-nisa kienu jibgħatu ma' wliedhom, xi ftit mill-prodotti li kienu jkabbru fl-għalqa tagħhom, għalhekk ara lill-istudenti ġejjin filgħodu b'xi ftit ful frisk, xi ftit frott jew saħansitra, xi ftit patata. Veru kienu nies li kienu jafu japprezzaw u jħobbu.

Sliem u ġieħ lilkom ilkoll nisa Żwieten li rawwimtu familji li huma n-nisa u n-nanniet tal-lum!

Illum wara li għaddew il' fuq minn erbgħin sena, għadni nġorr u ngħożż dawn il-memorji sbieħ. Nirringrazzja lill-Ħanin Alla li laqqagħni ma' dawn iż-Żwieten, għax kull waħda minnhom ħalliet, xi ftit jew wisq, marka fuqi u għamlitni dak li jien.